MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Numru. 949/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Nemanja Milic ta 21 sena, Iben Ljubisha u Bosiljka xebba Cuparic, imwieled Serbia, fil-21 ta’ Novembru 1991, detentur ta` passaport Serb bin-numru 008739204;

Talli;

1) Bejn il-25 u 26 ta` Settembru 2013 minn go 17, Triq St Elena, Sliema Malta ikkommetta serq ta’ laptops u mobile phones ghad-detriment ta’ Milojko Kuburic u persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-persuna u l-valur li jeccedi mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) pero’ ma jeccedix l-elfejn tlitt mija w disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37)

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 263, 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghaxar (10) xhur prigunerija sospiza ghal sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------